MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 171/2001/1

***Elmo Insurance Agency Limited* in rappreżentanza tas-soċjetà estera *Royal & Sun Alliance Insurance p.l.c.*, ċessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-soċjetà estera *Sun Alliance & London Insurance p.l.c.*, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Justin Mulligan; u l-istess Justin Mulligan; u b'nota tat-12 ta' Mejju 2004 is-soċjetà *Elmo Insurance Limited* assumiet l-atti minflok *Elmo Insurance Agency Limited nomine***

***versus***

***Vitafoam Limited*; u b'dikriet ta' l-1 ta' Lulju 2004 issejjaħ fil-kawża d-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili**

Din il-kawża hija dwar ħsara li ġarrbet vettura meta nstaqet fuq triq li kienet tiżloq.

Fiċ-ċitazzjoni l-atturi jgħidu illi fis-27 ta' Frar 2000, għal xi t-8.30 *a.m.*, waqt illi l-attur Justin Mulligan kien qiegħed isuq f'Birkirkara, ġej mill-qasam industrijali ta' San Ġwann sejjer lejn San Ġiljan, huwa tilef kontroll tal-vettura u baqa' dieħel ġo ħajt. Dan ġara għal xejn aktar ħlief għax it-triq

kienet tiżloq ħafna minħabba kimika li ħarġet mill-fabbrika tas-soċjetà konvenuta li qiegħda fil-qasam industrijali.

Billi l-vettura kienet assikurata mas-soċjetà assikuratriċi attriċi taħt polza *comprehensive*, l-attur Mulligan għamel talba taħt il-polza lill-attriċi l-oħra u din, kif kienet marbuta li tagħmel, ħarġet elfejn u erbgħin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm2,040.20) biex tagħmel tajjeb għad-danni ta' l-assikurat u spejjeż oħra, waqt illi l-attur Mulligan ġarrab danni ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) li ma kinux jaqgħu taħt il-polza; l-atturi flimkien għalhekk ġarrbu danni ta' elfejn u ħamsa u sittin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm2,065.20).

Billi qegħdin igħidu illi għall-inċident u għad-danni taħti l-konvenuta weħedha, iżda ma ħallsitx, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuta weħedha taħti għall-inċident u għad-danni;
2. tillikwida d-danni fis-somma ta' elfejn u ħamsa u sittin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm2,065.20);
3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas elfejn u erbgħin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm2,040.20) lis-soċjetà assikuratriċi attriċi u ħamsa u għoxrin lira (Lm25) lill-attur Mulligan, flimkien ma' l-imgħax legali mit-22 t'Awissu 1990 [*recte*: 2000] u l-ispejjeż.

Is-soċjetà konvenuta ressqet l-eċċezzjoni illi t-talbiet għandhom jiġu miċħuda għax l-inċident ma seħħx bi ħtija tagħha.

B'dikriet tal-21 ta' Ġunju 2001[1] il-qorti, wara li rat illi l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta hija mibnija fuq id-difiża tal-forza maġġuri, ordnat illi jinstemgħu l-ewwel ix-xhieda ta' l-istess konvenuta. Is-smigħ tax-xhieda, l-ewwel dawk tal-konvenuta u mbagħad dawk ta' l-atturi, kellu jsir u jintemm fit-18 ta' Novembru 2003. Dakinhar iżda għall-konvenuta ma deher ħadd u għalhekk il-qorti semgħet ix-xhieda ta' l-atturi billi fehmet illi l-konvenuta, la ma deher ħadd għaliha, ma kellhiex il-ħsieb li tressaq xhieda[2]. Billi dakinhar ukoll l-atturi qalu illi kienu sejrin jagħmlu rikors biex jitolbu li jissejjaħ fil-kawża d-Direttur tal-Protezzjoni

---

1 *Foll.* 39 *et seqq.*

2 *Fol.* 57.

Ċivili, il-qorti ma iddifferietx il-kawża għas-sentenza iżda għall-provvediment dwar it-talba li kellhom jagħmlu l-atturi. L-atturi għamlu t-talba għas-sejħa fil-kawża b'rikors tad-19 ta' Novembru 2003[3], u t-talba ntlaqgħet b'dikriet ta' l-1 ta' Lulju 2004[4].

Id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili, wara li ssejjaħ fil-kawża, ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-atti ma ġewx notifikati wkoll lill-Avukat Ġenerali, kif irid l-art. 181B(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; din l-eċċezzjoni irrinunzja għaliha fil-5 ta' Novembru 2004[5];
2. ma jaħtix għall-inċident; u
3. ma għandux ibati spejjeż.

L-inċident seħħ hekk:

Is-soċjetà konvenuta għall-attività industrijali tagħha tinqeda b'sostanza kimika li taħżen f'tankijiet fil-fabbrika tagħha. Filgħodu kmieni, fis-27 ta' Frar 2000, kien hemm *leakage* minn dawn it-tankijiet u kwantità kbira ta' kimika ħarġet fl-inħawi ta' madwar il-fabbrika u ftit minnha ħarġet ukoll fit-triq pubblika. Meta raw hekk id-diriġenti tas-soċjetà konvenuta, għal xi l-5.20 *a.m.*, għarrfu lill-pulizija, u l-pulizija sejħu lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

Christopher Buttigieg, membru fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, wasal fuq il-post ftit wara l-5.30 *a.m.* Ra likwidu viskuż li kien ħareġ mit-tankijiet tal-fabbrika tal-konvenuta, u lir-rappreżentant tal-konvenuta talbu *data sheet* illi l-konvenuta hija mistennija li jkollha dwar il-kimiċi li tinqeda bihom fil-proċessi industrijali tagħha biex turi dettalji dwar dawk il-kimiċi, bħal kompożizzjoni u x'għandek tagħmel fil-każ ta' *spillage* jew ta' nar. Il-konvenuta iżda ma kellhiex *data sheet* dwar il-kimika. Buttigieg seta' jara wkoll illi t-tankijiet fejn kienet maħżuna din il-kimika ma kellhomx *spillage tank* taħthom biex jilqa' l-kimika f'każ ta' *leakage*. Kien għalhekk illi l-kimika ħarġet fl-inħawi madwar il-fabbrika u parti minnha waslet ukoll sat-triq pubblika, li hija għan-niżla.

Buttigieg qal ukoll illi fit-triq ma kienx hemm kwantità kbira ta' kimika. Deherlu illi ma kellux igħatti l-kimika b'ramel

---

3 *Fol*. 84.

4 *Fol*. 95.

5 *Fol*. 101.

billi l-kimika kienet viskuża u għalhekk beża’ li r-ramel ma jixrobhiex u minflok jifforma żlieġa akbar. Kemm għax fit-triq ma kienx hemm kwantità kbira u kif ukoll għax ma deherlux illi kellu juża ramel, naddaf it-triq billi spara *jet* ta’ ilma taħt pressjoni għolja fuq il-kimika li kien hemm fit-triq. Taħt il-pressjoni ta’ l-ilma, il-kimika bdiet taqta’ u tifforma rawa. Billi l-kwantità ma kinitx kbira, din ir-rawa seta’ jiġborha taħt il-bankina b’mod li ma marritx fuq il-parti karreġġjabbli tat-triq.

Qal ukoll illi r-rappreżentant tal-konvenuta talbu jnadafflu wkoll l-inħawi ta’ madwar il-fabbrika, ’il ġewwa mit-triq, iżda Buttigieg kien tal-fehma illi l-kimika f’dawk l-inħawi kellha tinkesa bir-ramel għax kien hemm ħin biżżejjed biex ir-ramel jixrob il-kimika. Offra li jġib ir-ramel basta tħallas għalih il-konvenuta, iżda r-rappreżentant tal-konvenuta wieġbu illi kellu jieħu ħsieb hu, u għalhekk Buttigieg ma għamel xejn dwar l-kimika li ma ħarġitx fit-triq.

Buttigieg kompla jgħid illi ra xi vetturi li għaddew bla problema mit-triq wara li naddafha u, biex ikun żgur illi t-triq ma kinitx tiżloq, għadda minnha bil-vettura tad-dipartiment, ukoll bla problemi. Meta ra hekk, telaq minn fuq il-post. Dan kien ftit qabel is-6.30 *a.m.* Ma’ Buttigieg kien hemm sieħbu Gordon Cassar, li qabel miegħu f’kollox dwar dak li sar.

Għal xi t-8.20 *a.m.* karrozza misjuqa minn terza persuna kienet għaddejja mit-triq. Meta waslet ftit ’l isfel mill-fabbrika tal-konvenuta, fejn hemm liwja, il-vettura, flok obdiet lil min kien qiegħed isuq u daret, baqgħet sejra dritt ġol-ħajt li kien hemm mal-ġenb tat-triq faċċata tan-niżla. Għaxar minuti wara, ġara l-istess lill-vettura misjuqa mill-attur Mulligan.

Issejħu l-pulizija fuq il-post u dawn sabu t-triq miksija u anzi mgħarrqa bi kwantità ta’ likwidu li jiżloq. Reġa’ ssejjaħ id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u din id-darba ġie fuq il-post Anthony Polidano, membru ieħor tad-dipartiment, li wasal għal xi l-9.45 *a.m.*

Polidano xehed illi kemm fit-triq kif ukoll fl-inħawi ta’ madwar il-fabbrika kien hemm kimika mħallta bl-ilma. Kwantità kbira ta’ din it-taħlita ħarġet fit-triq u għamlitha tiżloq. Lil Polidano deherlu illi, minħabba l-kwantità kbira ta’ żlieq, kellu jgħatti t-taħlita bir-ramel u mhux inaddafha bl-ilma.

Għall-għanijiet tal-kawża tallum huwa relevanti l-fatt illi meta telqu l-ewwel darba l-membri tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, fit-triq ma kienx hemm likwidu li jiżloq, u l-kimika fl-inħawi ta' madwar il-fabbrika 'l ġewwa mit-triq ma kinitx ittrattata, la bl-ilma u lanqas b'xi mod ieħor. Meta seħħ l-inċident bil-vetturi, fosthom dik ta' Mulligan, it-triq kienet tiżloq. Meta mbagħad waslu għat-tieni darba l-membri tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili sabu wkoll illi l-kimika fl-inħawi ta' madwar il-fabbrika 'l ġewwa mit-triq kienet ittrattata bl-ilma.

L-atturi qegħdin igħidu illi parti għall-inqas mill-ħtija taqa' fuq id-dipartiment, kemm għax il-membri li marru l-ewwel fuq il-post imxew ħażin meta naddfu l-kimika bl-ilma flok ksewha bir-ramel, u kif ukoll għax l-atturi jemmnu illi fit-triq kienet ħarġet kwantità akbar ta' kimika milli xehed Buttigieg.

Il-qorti iżda ma tarax illi hemm xi raġuni għala ma għandhiex temmen lix-xhieda tad-dipartiment. Dawn għamlu sew meta, l-ewwel darba li marru, ittrattaw biss il-kimika li kien hemm fit-triq għax kienet dik li kienet toħloq perikolu; il-kimika li kien hemm fl-inħawi 'l ġewwa mit-triq setgħet tistenna għax ma kinitx ta' perikolu billi l-kimika kienet viskuża biżżejjed biex ma tkomplix tinxtered ladarba ma baqgħetx toħroġ iżjed mit-tankijiet. Il-qorti wkoll ma tarax illi l-membri tad-dipartiment għamlu ħażin meta naddfu l-kimika bl-ilma, ladarba l-kwantità kienet żgħira; anzi, għamlu sew li naddfu t-triq mill-ewwel bl-ilma, li kellhom fuq il-post, flok jistennew li jinġieb ir-ramel, li ma kellhomx. Imxew bil-għaqal ukoll meta, qabel ma telqu, ipprovaw it-triq bil-vettura tagħhom biex jaraw jekk tiżloqx.

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi ebda ħtija ma taqa' fuq d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

Bejn meta telqu l-ewwel membri tad-dipartiment u meta seħħew l-inċidenti bil-karrozzi, intefa' ilma fuq il-kimika li kien hemm fl-inħawi 'l ġewwa mit-triq, bil-konsegwenza li l-kimika saret anqas viskuża u setgħet tiġri, b'mod li waslet sat-triq u, billi sabet in-niżla, għattiet it-triq kollha mill-fabbrika 'l isfel.

Min tefa' dan l-ilma?

Il-qorti temmen illi x'aktarx kienu r-rappreżentanti tal-konvenuta illi, biex jiffrankaw l-ispiża tar-ramel, ipprovaw

jaħslu l-kimika bl-ilma. Minħabba l-kwantità ta' kimika, iżda, din ma kinitx proċedura tajba u, flok naddfu, seħħilhom biss li jxerrduha aktar.

X'aktarx illi kien għalhekk illi, skond ix-xhieda tas-Surġent tal-Pulizija Joseph Zammit, ċertu Anthony Calleja, diriġent tas-soċjetà konvenuta, qal lill-pulizija illi "ser jieħu responsabbiltà sħiħa tal-ħruġ tal-likwidu li ħareġ mill-fabbrika"[6].

Dwar ir-responsabbiltà tas-soċjetà konvenuta bħala sidt jew detentriċi tal-fabbrika mnejn ħarġet il-kimika, l-art. 1042 tal-Kodiċi Ċivili, li nistgħu ngħidu illi jgħodd għall-każ tallum b'analoġija, igħid hekk:

**1042.** Jekk issir ħsara lil xi ħadd bil-waqgħa ta' ħaġa mdendla jew imqiegħda f'qagħda ta' perikolu, inkella bit-tfigħ jew xħit ta' xi ħaġa minn bini, id-detentur ta' dak il-bini, meta huwa nnifsu ma jkunx għamel il-fatt, u ma jkun bl-ebda mod ħa sehem fih, ma jweġibx għall-ħsara, ħlief sa fejn id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu dwar ir-responsabbiltà ta' persuna għall-ħsara magħmula minn oħra, jkunu jgħoddu għalih.

Huwa relevanti wkoll l-art. 1038:

**1038.** Kull min mingħajr ma jkollu l-ħila meħtieġa jindaħal għal xogħol jew servizz, hu obbligat għall-ħsara li, minħabba n-nuqqas ta' ħila tiegħu, jikkaġuna lil ħaddieħor.

Dan ifisser illi ma hemmx responsabbiltà awtomatika għall-fatt biss illi l-kimika ħarġet mill-fabbrika tal-konvenuta. Madankollu, il-konvenuta naqset, fil-fehma tal-qorti, għax:

1. għalkemm tista' tobsor illi tankijiet li jkollhom kimiċi maħżuna fihom jistgħu jnixxu, la ħadet il-prekawzjoni li tagħmel *spillage tank* biex jilqa' l-kimika li tista' tnixxi u lanqas rat illi jkollha t-tagħrif u t-tagħmir meħtieġa biex tnaqqas il-ħsara u l-perikolu f'każ ta' inċident bħal dak li ġara; u
2. flok ħadet il-parir tal-membri tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili illi tiksi bir-ramel il-kimika li ma laħqitx ħarġet fit-triq, fittxet illi teħles ħafif billi tnaddaf l-inħawi bl-ilma, u b'hekk il-kimika flok naddfitha xerrditha iżjed.

---

[6] Ara x-xhieda tas-Surgent Joseph Zammit fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2003, *fol.* 62.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi l-inċident seħħ bi ħtija tas-soċjetà konvenuta, u din għalhekk għandha tagħmel tajjeb għad-danni.

Dwar il-*quantum* tad-danni mitlub mill-atturi, dan huwa ġustifikat b'riċevuti, u ma saret ebda kontestazzjoni dwaru. Il-qorti għalhekk tillikwida d-danni fis-somom mitluba mill-atturi, kif imnaqqsa b'nota tal-25 ta' Novembru 2003.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' din il-kawża:

1. tiċħad it-talbiet ta' l-atturi safejn magħmula kontra d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili;
2. tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tas-soċjetà konvenuta *Vitafoam Limited*, u din għalhekk għandha tagħmel tajjeb għad-danni;
3. tillikwida d-danni li ġarrbet is-soċjetà assikuratriċi attriċi fis-somma ta' elfejn u tmien u għoxrin ċenteżmu (Lm2,008.20), u d-danni li ġarrab l-attur Justin Mulligan fis-somma ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25); u
4. tikkundanna lill-konvenuta tħallas elfejn u tmien liri u għoxrin ċenteżmu (Lm2,008.20) lis-soċjetà assikuratriċi attriċi u ħamsa u għoxrin lira (Lm25) lill-attur Mulligan, flimkien ma' l-imgħax minn dakinhar meta saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju.

L-ispejjeż tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għandhom iħallsuhom l-atturi; l-ispejjeż l-oħrajn għandha tħallashom is-soċjetà konvenuta *Vitafoam Limited*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------